# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Mark A. Mercieca]**

**vs**

**Antoine Ellul**

**Kumpilazzjoni Numru: 348/17**

**Illum, 24 ta' Awwissu, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Antoine Ellul detentur tal-karta tal-identita` numru 533094(M).

Akkuzat talli nhar l-20 ta' Awwissu 2017 f'xi hin filghodu gewwa l-Imsida;

1. Hebb ghal Stephanie Farrugia u kkagunala offiza ta' natura Gravi skond kif iccertifkat minn Dr Rachel Psaila tac-centru tas-Sahha Furjana. Art.216 Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Saq il-vettura bi numru ta' registrazzjoni AAM434, ta' ghamla Hyundai u saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija. Art.15(1) (a) Kap.65

3. Talli saq il-vettura bi numru ta' registrazzjoni AAM434, ta' ghamla Hyundai u saq l-imsemmija vettura minghajr ma' kien kopert b'polza ta' sigurta dwar ir-riskji ghat-terzi persuni. Art.3(1) Kap.104

4. Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn ufficjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu jew ma halliex jew fixkel jew indahal lil imsemmi ufficjal waqt il-qadi ta' dmirijietu. Art.338(ee) Kap.9

5. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju. Art.338(dd) Kap.9

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu; u

Rat illi l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna ta' persuna li tigwidah fit-triq it-tajba.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 216, 338(ee) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1) tal-Kap. 65 u l-Artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda ssib lill-imputat Antoine Ellul hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tall-Kap. 9 tikkundannah ghal ghaxar (10) xhur prigunerija li qed jigu sospizi ghal sentejn (2) flimkien ma' Ordni ta' Supervizjoni ghall-perjodu kollu.

Il-Qorti qed ukoll tordna s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat Antoine Ellul ghal zmien sena li tibda tiddekorri mill-gurnata li jottjeni tali licenzja.

---

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistarat**